# Emerġenza

112

**112 huwa n-numru tat-telefown li jqabbdek mas-servizzi tal-emerġenza fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. Dan huwa numru bla ħlas, u tista' ċċempel sew minn linja fissa kif ukoll minn fuq il-mowbajl.**

Stħajlek qed iżżur pajjiż ta' l-UE u tkun involut ta' inċident, jew inkella tara inċident qed iseħħ. Taf liema numru ta' emerġenza trid iċċempel? Hekk kif l-Ewropej kull ma jmur dejjem qed jivvjaġġaw iktar sew fuq xogħol jew inkella għall-pjaċir, miljuni ta' nies jafu jiffaċċjaw din il-problema. Fortunatament, m'hemmx il-ħtieġa li toqgħod tfittex u tiftakar in-numri ta' l-emerġenza għall kull pajjiż fl-UE li żżur. Sempliċiment ftakar 112!

Il-112 mhux se jieħu post in-numri ta' emerġenza nazzjonali li diġà jeżistu. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, dan jiffunzjona flimkien man-numri nazzjonali eżistenti. Madankollu, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, l-Iżvezja, Malta u r-Rumanija għażlu l-112 bħala n-numru nazzjonali ewlieni ta' emerġenza.

### X'jiġri meta ċċempel?

Operatur telefoniku mħarreġ apposta jwieġeb it-telefonata tiegħek. Skont liema pajjiż ikun, l-operatur jew jittratta r-rikjesta tiegħek direttament jew inkella jittrasferik għand l-aktar servizz ta' emeġenza adatt.

Kull ma jmur, l-operaturi qed isiru dejjem aktar kapaċi jwieġbu t-telefonati fuq il-112 b'aktar minn lingwa waħda, li huwa importanti ferm għal dawk li jċemplu l-112 meta jkunu msiefrin.

### Ipprovdi ismek, l-indirizz u n-numru tat-telefown tiegħek.

Huwa neċessarju li dawk li jċemplu jiġu identifikati, sabiex b'hekk tiġi evitata l-konfużjoni - għax jista' jagħti l-każ li l-istess inċident ikun diġà ġie rraportat minn għadd ta' persuni.

### Taqtax jekk iċċempel il-112 bi żball!

Għid lill-operatur li kollox sew. Għax inkella, l-assistenza ta' l-emerġenza tista' xorta jkollha tintbgħat biex tiċċekkja jekk hemmx problemi.

**Għal aktar informazzjoni, ikklikkja hawn.**

### Ċempel il-112

*- Biex tikkuntattja kwalunkwe servizz ta' emerġenza*

*- F'kull pajjiż ta' l-UE*

*- Minn linji fissi, inklużi l-payphones, jew mill-mowbajl*

*- Bla ħlas*

### Meta tista' ċċempel il-112?

*Ċempel 112 f'kull każ ta' emerġenza meta jkun hemm il-ħtieġa ta' ambulanza, is-servizzi tat-tifi tan-nar jew il-pulizija. Eżempji:*

- ✔ *Jekk tkun involut f'inċident serju tat-traffiku, jew rajt inċident serju jseħħ*
- ✔ *Jekk tilmaħ bini qed jaqbad.*
- ✔ *Jekk taqbad ħalliel dieħel ġo xi dar.*

### Iċċempilx il-112 sabiex tikseb, ngħidu aħna:

- ✖ *Rapporti dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku*
- ✖ *It-tbassir tat-temp*
- ✖ *Informazzjoni jew domandi ġenerali*

*Żomm f'moħħok li jekk ikun hemm sejħiet bla bżonn, dawn jafu jokkupaw is-sistema u jpoġġu fir-riskju ħajjet dawk li verament jeħtieġu assistenza urġenti.*

*It-telefonati b'ċajta jafu wkoll jaffettwaw ir-rispons li jingħata f'każijiet ta' emerġenzi veri. Minħabba n-numru kbir ta' telefonati b'ċajta, il-Belġju, Ċipru, Franza, is-Slovenja u r-Renju Unit iddeċidew li jimblukkaw it-telefonati għall-112 minn mowbajls bla SIM card.*





http://ec.europa.eu/112